MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 214/2008/3

**L-Avukat Dr. Andrew Chetcuti Ganado u John Abela bhala stralcjarji ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija Sea Malta Company Limited**

**vs**

**Gollcher Company Limited (C 3701)**

Il-Qorti

Dan hu rikors ta' ritrattazzjoni, li ppresentat is-socjeta' ritrattandi Gollcher Company Limited kontra r-ritrattati Avukat Dr. Andrew Chetcuti Ganado u John Abela bhala stralcjarji ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija Sea Malta Company Limited. Is-socjeta' ritrattandi qed titlob li terga tigi trattata s-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-7 ta' Frar 2012 fil-kawza fl-istess ismijiet. Bl-imsemmija sentenza giet revokata s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u b'hekk is-socjeta ritrattandi giet ikkundannata thallas lis-socjeta'

ritrattata s-somma kif mitluba bl-ispejjez kif indikati fl-istess sentenza. Fl-avviz in kwestjoni li kien gie presentat mis-socjeta' ritrattata l-istess socjeta' kienet talbet li s-socjeta' ritrattandi tigi kundannata thallas is-somma ta' tmint elef sitt mija u erbgha u tletin euro u tnejn u tmenin centezmu (€8,634.82) rapprezentanti bilanc dovut fuq somma akbar, prezz ta' servizzi ta' garr u servizzi ohra rezi mis-socjeta' ritrattata (dok.A).

Hu ben risaput li l-istitut tar-ritrattazzjoni jippresupponi zewg fazijiet li huma ben distinti minn xulxin. Fl-ewwel fazi trid tirrizulta raguni valida ghala s-sentenza in kwestjoni ghandha tigi ritrattata u ghalhekk trid tirrizulta raguni valida biex tigi annullata s-sentenza in kwestjoni. F'dan ir-rigward trid tirrizulta wahda mir-ragunijiet li trid il-ligi, liema ragunijiet huma elenkati fl-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fit-tieni fazi u cioe' fil-kaz li s-sentenza tigi annullata, l-istess sentenza trid terga tigi trattata. F'dan ir-rigward s-socjeta' ritrattandi sabiex tottjeni li s-sentenza in kwestjoni tigi ritrattata ssottomettiet li l-istess sentenza tas-7 ta' Frar 2012 hi affetta minn zball fl-applikazzjoni tal-ligi, ovvero tikkontjeni applikazzjoni hazina tal-ligi. Ghalhekk l-istess socjeta' ritrattandi qed tinvoka a favur taghha dak li hemm provdut fl-artiklu 811(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Is-socjeta' ritrattandi tghid b'referenza ghall-imsemmija sottomissjoni taghha rigwardanti l-applikazzjoni hazina tal-ligi li l-Qorti misset applikat l-artikoli 1196 et seq. tal-Kodici Civili, li jirrigwardaw it-tpacija.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Jidher li hu pacifiku bejn il-partijiet li huma kienu jrendu varji servizzi lil xulxin u fost dawn is-servizzi kien hemm dawk ta' garr tal-merkanzija. Ghalhekk kien jesisti bejn l-istess partijiet kont kurrenti. Jirrizullta li s-socjeta' ritrattata tqeghdet fi stralc b'effett mit-12 ta' Dicembru 2005. F'din id-data kien hemm krediti reciproci bejn il-partijiet u cioe' s-socjeta' ritrattata kellha kreditu favur taghha ta' Lm7,817.64 filwaqt li s-socjeta' ritrattandi kellha kreditu favur taghha ta' Lm3,706.93. Ghalhekk l-istess socjeta'

ritrattandi hallset lis-socjeta’ ritrattata d-differenza bejn l-imsemmija zewg krediti. L-istess socjeta’ ritrattandi ppretendiet li setghet taaghmel tpacija bejn l-imsemmija zewg krediti.

Is-socjeta’ ritrattandi tissottometti li l-Qorti biex wasslet ghas-sentenza in kwestjoni (tas-7 ta’ Frar 2012) ibbazat ruhha fuq il-premessa li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda ta’ kont kurrenti u mhux wahda ta’ kreditur u debitur. Effettivament il-kont kurrenti, li hu regolat bl-artikoli 264 et seq. tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta’ Malta, jidher li jeskludi t-tpacija.

Is-socjeta’ ritrattandi tammetti bhala fatt li kien hemm bejn il-partijiet il-konswetudini li perjodikament kienu jigu ezaminati l-kontijiet u l-partijiet kienu jissaldaw reciprokament dak li jkun dovut lejn xulxin. L-istess socjeta’ ritrattandi pero’ tippretendi li din il-posizzjoni tbiddlet meta s-socjeta’ ritrattata tpoggiet fi stralc. L-istess socjeta’ taghmel referenza ghall-artikolu 1196(1) tal-Kodici Civili li jipprovdi li meta jkun hemm zewg krediti fi zmien wiehed, dawn jinqattlu wiehed bl-iehor sakhemm ikunu indaqs. Skond ir-ritattandi b’hekk it-tpacija ssir minnufih (ipso jure).

Is-socjeta’ ritrattata qed tikkontesta t-talba ghar-ritrattazzjoni u tissottometti li bejn il-l-partijiet ma kienx isir tpacija izda l-istess partijiet kienu jhallsu reciprokament il-kontijiet li kien hemm bejnithom. Meta s-socjeta’ ritrattata tqghedet fi stralc kien hemm krediti a favur taz-zewg partijiet izda l-kreditu vantat mill-ritrattati kien akbar mill-kreditu vantat mill-parti l-ohra, li ghalhekk l-istess socjeta’ ritrattandi ittantat thallas lill-ritrattati d-differenza bejn iz-zewg krediti.
Il-Qorti tikkonsidra li din is-sottomissjoni hi giusta primarjament ghaliex peress li jirrizulta li l-imsemmija krediti kienu esistenti meta s-socjeta’ ritrattata bdiet tigi likwidata u ghalhekk indubbjament l-istralcarji taghha kienu prekluzi milli jaghmlu kwalunkwe tip ta’ tpacija. Inoltre jirrizulta li bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta’ kont kurrenti skond l-artikoli in kwestjoni tal-Kodici tal-Kummerc. Hu car li l-partijiet ma kienux ihallsu l-fatturi kull

meta dawn jinhargu izda l-hlas reciproku kien isir perjodikament jidher kull sena. F'dan ir-rigward ir-ritrattati jallegaw li kien hemm ftehim specifiku u b'hekk rigorosament kull sena kienu jsiru l-kontijiet bejn il-partijiet. Mill-provi dan il-fatt zgur li ma jirrizultax li gie kontradett. Jirrizulta kjarament li bejn il-partijiet kien hemm esistenti ftehim ta' kont kurrenti, bil-konsegwenza li l-istess partijiet eskludew it-tpacija. Dan il-punt gie ukoll espressament trattatt fis-sentenza in kwestjoni tas-7 ta' Frar 2012. Jirrizulta ukoll li s-socjeta' ritrattandi mhux qed tikkontesta l-ammont li kien dovut minnha qabel ma saret it-tpacija.

In effett fl-imsemmija sentenza l-Qorti ikkonsidrat li giet ippruvata li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda ta' kont kurrent u ghalhekk giet eskluza bejnithom it-tpacija. Biex wasslet ghal din il-kokluzjoni l-Qorti ghamlet analizi pjuttost fil-fond tal-provi prodotti quddiem il-Qorti ta' Prim'Istanza.

Jirrizulta ukoll li s-socjeta' Sea Malta Company Limited tpoggiet in likwidazzjoni mill-kredituri u ghalhekk is-socjeta' ritrattandi m'ghandhiex tkun vantaggjata fuq kredituri ohra. F'kaz ta' likwidazzjonijiet il-kredituri jitpoggew fuq pjan wiehed mhux diskriminatorju. Inoltre l-artikolu 1203(1) tal-Kodici Civili jipprovdi li kwalunkwe tpacija hi invalida jekk issir a detriment ta' terzi u kwindi zgur li ma jistax jigi konsidrat li sehhet tpacija bejn il-partijiet kif tippretendi s-socjeta' ritrattandi. Hu ovvju li jekk saret tpacija bejn il-partijiet, tali tpacija tista eventwalment tahdem kontra kredituri ohra tas-socjeta' ritrattata.

In vista ta dak kollu li gie premess it-talba tar-ritrattandi sabiex issir ritrattazzjoni tas-sentenza in kwestjoni ma tistax tigi akkolta. Ma jirrizultax li fis-sentenza in kwestjoni kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi billi din il-Qorti (diversament presjeduta) applikat korrettement id-disposizzjonijiet tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talba tas-socjeta' ritrattandi sabiex terga tigi trattata s-sentenza ta' din il-Qorti (diversament

presjeduta) tas-7 ta' Frar 2012 fil-kawza fl-istess ismijiet premessi.

Spejjez ta' dawn il-proceduri kontra s-socjeta' ritrattandi

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------